

Brussell, 27 ta' Frar 2023
(OR. en)

6703/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0394(COD)

CLIMA 92
ENV 162
AGRI 82
FORETS 15
ENER 87
IND 66
COMPET 134
CODEC 241

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15557/22 + ADD 1-6
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tas-16 ta' Marzu 2023, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' spjegazzjoni u mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza biex jgħinu fl-istrutturar tad-diskussjoni.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiehū nota tan-nota ta' spjegazzjoni u mistoqsijiet, kif jinsabu fl-Anness, u biex jgħaddihom lill-Kunsill bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni.

Proposta għal Regolament dwar qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju
- Dibattitu ta' orjentazzjoni -

Nota ta' spjegazzjoni tal-Presidenza b'mistoqsijiet għall-Ministri

Il-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura globali għal inqas minn 1.5 °C ser teħtieġ tnaqqis sinifikattiv, rapidu u sostnut tal-emissjonijiet¹. L-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra jridu jonqsu drastikament fid-deċennji li ġejjin. B'mod parallel, ammonti dejjem akbar ta' CO₂ ser ikollhom jinqabdu u jitneħħew kull sena mill-atmosfera sabiex jiġu kontrobalanċjati l-emissjonijiet inevitabbli u fl-aħħar mill-aħħar jinkisbu emissjonijiet negattivi. Diversi forom ta' assorbimenti tad-diossidu tal-karbonju ser ikunu meħtieġa biex jinkisbu emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti globali, u ġew identifikati bħala elementi essenzjali mill-IPCC f'diversi xenarji li jillimitaw it-tiżhin globali għal 1.5 °C.

Il-liġi Ewropea dwar il-Klima tippreżenta qafas għat-tnaqqis irreversibbli u gradwali tal-emissjonijiet minn fonti u t-titjib tal-assorbimenti minn bjar biex tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050, bl-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Ix-xenarji biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika jindikaw il-ħtieġa li jissaħħu b'mod sostanzjali l-assorbimenti fl-Unjoni, kemm permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kif ukoll permezz ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, għal madwar 500 Mt fis-sena sal-2050^{2 3}. Għalhekk, ir-rwol tal-assorbimenti tal-karbonju fl-ekonomija tagħna u fil-politika tal-Unjoni dwar il-klima huwa mistenni li jiżdied. Madanakollu, bil-politiki attwali, l-UE ma hijiex meqjusa li miexja fid-direzzjoni biex tilħaq tali kwantitajiet⁴.

¹ Tibdil fil-Klima 2022 Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima, Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma III għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima.

² Analiżi fil-fond li takkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Pjaneta Nadifa għal kulħadd - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima.

³ Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tiżhin tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030. Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna", dok. 10865/20 ADD 2.

⁴ Bħala eżempju, l-iżvilupp parzjalment negattiv tal-bir ta' karbonju totali tal-UE f'dawn l-aħħar snin jindika li huma meħtieġa aktar miżuri sabiex tintlaħaq il-mira ta' assorbiment nett ta' -310 Mt ekwivalenti ta' CO₂ fl-2030, u saħansitra aktar sal-2040 u l-2050.

Ladarba tkun ġiet adottata formalment aktar tard din is-sena, il-proposta li temenda r-Regolament eżistenti dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF), tistabbilixxi mira ġdida ta' assorbiment nett fil-livell tal-UE ta' -310 miljun tunnellata ekwivalenti ta' CO₂ li għandha tintlaħaq fl-2030, kif ukoll miri nazzjonali vinkolanti għall-Istati Membri. Ir-Regolament emendat jistabbilixxi wkoll regoli ġodda għall-iffaċilitar tal-monitoraġġ u r-rapportar preċiżi tal-assorbimenti tal-karbonju, li huma meħtieġa għall-iżvilupp ulterjuri tal-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.

L-ewwel passi lejn l-integrazzjoni ulterjuri tal-assorbimenti tal-karbonju

F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli⁵, filwaqt li enfazzjat l-importanza li jinħolqu inċentivi u mudelli kummerċjali biex jiżied l-użu tal-karbonju fil-bjar tal-karbonju naturali fl-ekosistemi ("sekwestru tal-karbonju f'art agrikola") u li jiġi żviluppat suq uniku għall-qbid, l-użu, it-trasport u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju. Il-Komunikazzjoni tistipula wkoll għanijiet ta' aspirazzjoni għall-assorbiment tal-karbonju fuq terminu medju⁶.

Sussegwentement, fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament li jistabbilixxi **qafas taċ-ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju**, bl-għan li jiġi ffaċilitat l-użu ta' assorbimenti ta' kwalità għolja fl-UE. Il-proposta tkopri tipi differenti ta' assorbimenti tal-karbonju, permezz tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti u l-ħżin permanenti. Fl-aħħar mill-aħħar, il-qafas għandu l-għan li jinċentiva u jħaffef aktar l-użu tal-assorbimenti tal-karbonju, b'mod partikolari billi jippermetti flussi ta' dħul addizzjonali, kif ukoll iżid il-fiduċja. Il-qafas ifittex ukoll li jippromwovi sinerġiji bejn l-assorbimenti tal-karbonju u l-kobenefiċċji relatati bħall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u l-bijodiversità. Għal dak l-għan, jistipula erba' kriterji QU.A.L.ITY⁷, kif ukoll ir-regoli għal verifika minn parti terza, inkluż ir-regoli għall-funzjonament tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni li jimplimentaw il-qafas. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-kriterji QU.A.L.ITY ser ikomplu jiġu operazzjonalizzati permezz ta' metodoloġiji speċifiċi għaċ-ċertifikazzjoni, żviluppati permezz ta' atti delegati. Dawn ser ikunu bbażati fuq l-erba' kriterji u sett minimu ta' elementi stabbiliti fir-Regolament u ser jiġu żviluppati f'konsultazzjoni ma' grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri fost oħrajn.

⁵ Dok. 15045/21 + ADD 1-4

⁶ Sal-2028, il-ġesturi kollha tal-art għandu jkollhom aċċess għal data vverifikata dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti biex ikejlu l-prattiki tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u għandu jiġi rrapportat u kkunsidrat is-CO₂ kollu li jinqabad, jiġi ttrasportat, jintuża u jinħażen permezz ta' attivitajiet industrijali; sal-2030, l-approċċi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għandhom jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira tal-LULUCF ta' assorbimenti netti ta' -310 Mt ekwivalenti ta' CO₂; sal-2030, it-teknoloġiji industrijali għandhom jassorbu kull sena mill-inqas 5 Mt ekwivalenti ta' CO₂

⁷ Kwantifikazzjoni; Addizzjonalità; Ħżin fit-tul; Sostenibbiltà (QU.A.L.ITY)

Fir-rigward tal-assorbimenti tal-karbonju minn attivitajiet industrijali bħal bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju (BECCS) u l-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju Dirett mill-Arja (DACCS), il-Kummissjoni pproponiet li tibni fuq ir-regoli eżistenti ta' monitoraġġ u rappurtar dwar il-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ mill-installazzjonijiet tal-ETS u l-metodoloġiji applikabbli għall-proġetti taħt il-Fond għall-Innovazzjoni. Għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-Kummissjoni indikat sinerġiji mar-Regolament LULUCF u l-Politika Agrikola Komuni fost oħrajn, kif ukoll il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura proposta reċentement. Fir-rigward tal-prodotti għall-ħżin tal-karbonju, il-Kummissjoni indikat il-ħtieġa għal aktar riċerka biex jiġu identifikati l-kategoriji u l-metodoloġiji rilevanti tal-prodotti.

Status tal-ħidma fil-Kunsill

Il-Kummissjoni tat preżentazzjoni inizjali tal-proposta fil-laqgħa tal-Kunsill Ambjent fl-20 ta' Diċembru 2022 taħt il-Presidenza Ċeka. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent bdew fi Frar taħt il-Presidenza Żvediża. Matul it-tliet laqgħat tal-grupp ta' ħidma li saru s'issa, id-delegazzjonijiet eżaminaw il-proposta b'opportunità li jqajmu mistoqsijiet għal kjarifika u li jiddeskrivu l-pożizzjonijiet inizjali tagħhom.

Fost affarijiet oħra, il-Kummissjoni enfasizzat in-natura volontarja tal-qafas u l-ħtieġa li l-assorbimenti tal-karbonju jibdew jiżdedu fil-futur qrib sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi fit-tul tal-Unjoni. Hija ddeskriviet il-proposta bħala għodda ta' Monitoraġġ, Rapportar u Verifika u, bħala tali, bħala l-ewwel pass lejn l-integrazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju fil-politika tal-UE dwar il-klima u r-regolamentazzjoni ulterjuri tal-użu tagħhom fil-kuntest tal-mira klimatika futura għall-2040 u lil hinn.

Suġġetti għad-diskussjoni

Huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li, għalkemm trid tingħata prijorità lit-tnaqqis rapidu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-assorbimenti tal-karbonju ser ikollhom rwol dejjem aktar importanti fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Għalhekk, matul id-diskussjonijiet li saru s'issa, l-Istati Membri ġeneralment laqgħu l-intenzjoni li jkomplu jinċentivaw l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju u li jfittxu aktar armonizzazzjoni fil-livell tal-UE. Xi Stati Membri enfasizzaw ukoll l-importanza tal-prinċipju tat-"tnaqqis tal-emissjonijiet l-ewwel".

L-eżami tal-proposta għadu f' stadju bikri, u ser tkun meħtieġa aktar diskussjoni dwar għadd ta' kwistjonijiet. Id-delegazzjonijiet talbu kjarifika ulterjuri ta' diversi elementi ċentrali tal-proposta, bħad-definizzjonijiet ewlenin, l-addizzjonalità u l-proċedura għall-istabbiliment tal-linji bażi u l-istabbiliment ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni speċifiċi.

Tqajmu wkoll mistoqsijiet fir-rigward tal-kriterji QU.A.L.ITY, it-tħaddim tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni u r-riskju ta' għadd doppju. Barra minn hekk, b'rabta mat-tħassib dwar ir-riskju ta' greenwashing, xi delegazzjonijiet staqsew jekk l-użu finali ta' ċertifikati ġġenerati taħt il-qafas għandux sa ċertu punt jiġi rifless fir-regolament propost. Barra minn hekk, ħafna delegazzjonijiet staqsew dwar ir-relazzjoni tal-qafas propost mal-iskemi nazzjonali attwali li jservu skopijiet simili, kif ukoll ma' mekkaniżmi u proċessi internazzjonali.

Id-delegazzjonijiet qajmu wkoll mistoqsijiet relatati mat-tul ta' żmien tal-ħżin, pereżempju fir-rigward tal-validità ta' ċertifikati, il-monitoraġġ u r-responsabbiltà.

Fir-rigward tal-kategorija speċifika tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, diversi delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifikitajiet nazzjonali, bħall-kondizzjonijiet klimatiċi u ġeografiċi li jvarjaw madwar l-Unjoni, u li jiġi żgurat li l-qafas jibqa' aċċessibbli wkoll għall-operaturi iżgħar u s-sidien tal-art. Bl-istess mod, xi delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li l-piż amministrattiv jinżamm fattibbli, b'mod partikolari għall-operaturi individwali.

Mistoqsijiet għall-ministri

Sabiex ttipprovdi gwida għall-ħidma kontinwa fuq ir-regolament propost, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jirriflettu dwar iż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

Fid-deċennji li ġejjin, l-assorbimenti tal-karbonju huma mistennija li jsiru komplement dejjem aktar importanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet biex jintlaħaq it-tir tat-temperatura ta' 1.5 °C tal-Ftehim ta' Pariġi u l-oġettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050. Bil-proposta għal qafas ta' ċertifikazzjoni għall-assorbiment tal-karbonju, l-Unjoni Ewropea għandha l-opportunità li ttipprovdi ispirazzjoni għal kif l-assorbimenti tal-karbonju jistgħu jiġu integrati aktar fl-oqfsa tal-politika dwar il-klima b'mod responsabbli.

- 1. B'liema mod jista' qafas ta' ċertifikazzjoni fil-livell tal-UE jikkontribwixxi biex jiżdiedu l-assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja fl-Unjoni bħala komplement għall-isforzi sostnuti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet?*
- 2. Għal dan l-għan, fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-opportunitajiet u l-isfidi ewlenin ippreżentati mill-proposta tal-Kummissjoni? Hemm xi elementi speċifiċi li jeħtieġ jiġu ċċarati aktar sabiex in-negozjati jimxu 'l quddiem?*
